# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 9**

**Rikors numru 87/15 SM**

**Joseph Feilazoo**

**v.**

**Direttur tal-Habs u b'digriet datat l-24 ta' Mejju, 2016, isem l-intimat gie sostitwit bl-isem Direttur (Servizzi Korrettivi)**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrent Joseph Feilazoo [ir-rikorrent], mis-sentenza moghtija fl-14 ta' Dicembru 2016 [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], fejn dik il-Qorti rrespingiet it-talbiet tar-rikorrent ghal

dikjarazzjoni, ghoti ta' rimedju u likwidazzjoni u hlas ta' kumpens, ghal ksur tal-jeddijiet tieghu kif sanciti mill-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u ordnat li l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

Mertu

2. Illi r-rikorrent fetah dawn il-proceduri fejn talab lill-ewwel Qorti sabiex

> "1. Tiddikjara li fil-konfront tal-esponenti, gew vjolati l-jeddijiet protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem;
>
> 2. Taghti r-rimedji li jidhrilha opportuni;
>
> 3. Tillikwida l-kumpens dovut ghal tali vjolazzjoni u d-danni sofferti mill-esponenti, u konsegwentement tordna l-hlas tal-istess ammont likwidat lill-esponenti. Bl-ispejjes.".

3. Fir-risposta tieghu, l-intimat id-Direttur [Servizzi Korrettivi] [l-intimat Direttur] eccepixxa li t-talbiet tar-rikorrent kellhom jigu michuda ghar-ragunijiet li fil-qosor huma kif gej: in linea preliminari, ir-rikorrent ma kienx ezawrixxa r-rimedji ordinarji; fil-mertu, l-ilmenti tar-rikorrent ma kienux fondati guridikament fit-termini tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u/jew fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ghaliex: ic-cirkostanzi msemmija mir-rikorrent ma kienux jikkostitwixxu tortura jew trattament inuman jew degradanti; il-fatt li l-oggetti personali tieghu kienu mizmuma fil-kustodja tal-awtoritajiet

tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin [Facilita`] ma kienx ifisser li dawn intilfu u/jew insterqu; il-fatt li kien ittiehidlu l-*laptop* tieghu ghal zmien temporanju wara li nstab materjal pornografiku u wara diversi twissijiet, ma kienx jikkostitwixxi trattament inuman jew degradanti; il-fatt li gew ikkonfiskati xi fannijiet in eccess ta' dak awtorizzat, ma kienx ifisser li dawn insterqu; hu ma kien soggettat ghal ebda trattament inuman u/jew degradanti bhala rizultat tat-tfittxijiet li jsiru bhala mizura ta' sigurta` fuq id-detenuti kollha ai termini tal-L.S.260.03; ir-rikorrent kien waqaf hu stess milli jattendi l-lezzjonijiet u ghalhekk ma setax isostni li hu kien twaqqaf milli jahdem u wkoll milli jistudja; fil-kaz li din il-Qorti ssib ksur, dikjarazzjoni ta' ksur kellha tkun sufficjenti fir-rigward tar-rimedju mitlub u, ic-cirkostanzi ma kienux jirrapprezentaw ksur tal-artikoli fuq citati u ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrent huma insostenibili.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

4. Il-fatti huma adegwatament delineati fis-sentenza appellata u ghalhekk mhux il-kaz li jigu ripetuti f'dan il-gudizzju. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "9.0. Illi essenzjalment il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:
>
> "9.1. Illi r-rikorrenti jilmenta li bl-agir tal-ufficjali tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin minnu lamentat inkisrulu d-drittijiet fundamentali tieghu *ai termini* tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni;

“9.2. Illi r-rikorrenti qieghed prezentement jirrisjedi fl-imsemmija facilita` wara li kien instab hati ta’ traffikar ta’ droga minn Spanja ghal Malta b’sentenza ta’ prigunerija datata d-29 t’Awwissu, 2008, (ara foll 21, 57, 137 u 164);

“Ikkunsidrat:

“**A. Eccezzjoni Preliminari re in-Nuqqas t’Ezawriment tar-Rimedju:**

“10.0. Illi rigward l-eccezzjoni ta’ natura preliminari sollevata mill-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

“10.1. Illi din l-eccezzjoni tirrizulta li hi limitata ghall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li insterqulu xi affarijiet tieghu li kienu fil-kustodja tal-intimat, (ara foll 20);

“10.2. Illi a skans ta’ dilungar inutili taghmel referenza ghad-direzzjoni gurisprudenzjali moghtija fis-sentenza tal-**Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem**, (minn issa ’l quddiem il-**Qorti ta’ Strasburgu**), datata l-**24 ta’ Lulju**, **2014**, fl-ismijiet **Brincat and Others vs. Malta** fejn hemmhekk giet respinta l-istess oggezzjoni hawn sottomessa mill-intimat, hemm sottomessa mill-Gvern, meta sostna li ma kienux gew ezawriti r-rimedju ordinarji, u allura per konsegwenza, r-rikorrenti ma setghux jipprocedu f’dik id-direzzjoni hemm intrapriza;

“10.3. Illi f’dik l-okkazjoni l-Qorti ta’ Strasburgu ikkunsidrat fit-tul din l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Gvern fir-rigward tan-nuqqas mir-rikorrenti li jezawrixxu r-rimedji kollha ta’ natura domestika u ikkonkludiet li bl-intavolar ta’ procedura wahda, (senjatament dik Kostituzzjonali), minflok tnejn, (dik ordinarja u dik Kostituzzjonali), xorta wahda jkunu servuti l-interessi tal-ekonomija tal-gudizzju gialadarba fil-procedura Kostituzzjonali jinghata l-hekk imsejjah *“full range of redress”*;

“10.4. Illi in vista tal-istess, l-istess qorti insinji ikkonkludiet li bl-istess intavolar tal-kawza kostituzzjonali r-rikorrenti hemm involuti kienu effettivament ezawrew ir-rimedji ordinarji taghhom ghall-finijiet tal-ilment minnhom hemm sottomess;

“10.5. Illi fid-dawl tas-suespost il-**Qorti Kostituzzjonali** lokali mill-ewwel adegwat ruhha ghad-direzzjoni moghtija mill-**Qorti ta’ Strasburgu** u allineat ruhha mal-istess insenjament, meta fil-kawza fl-ismijiet **George Spiteri et vs.** ***Policy Manager*** tal-**Malta Shipyards** fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura datata s-**27 ta’ Marzu, 2015**, irriteniet is-segwenti:

> "... tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza imsemmija ta' **Brincat and Others vs. Malta** din il-qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi kif issa zviluppaw ma hux aktar desiderabbli li l-qrati kostituzzjonali jirrifjutaw li jezercitaw is-setghat taghhom kif previst fl-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja r-rimedji li indubbjament kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom ir-rikorrenti appellanti";

"10.6. Illi konsegwentement din ir-risposta preliminari sollevata mill-intimat ghandha tigi respinta;

"10.7. Illi ghalhekk minflok taghzel li tezercita s-setghat kostituzzjonali impost fuqha *ai termini* tal-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni flimkine mal-*proviso* tal-artiklu 4 (2) tal-Kap 319 fuq riferit;

"Ikkunsidrat:

"**B. Il-Mertu:**

"11.0. Illi f'dan ir-rigward isir l-ewwel rikors ghas-segwenti referenzi bil-ghan li mill-istess insenjamenti jkunu jistghu jigu karpiti l-principji fundamentali fir-rigward li fuqhom wiehed necessarjament irid jistabbilixxi l-edifizzju kurjali tieghu;

"11.1. Sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Paul Caruana vs. Direttur tal-Habs u l-Avukat Generali**, datata l-**31 t'Ottubru, 2014**, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "L-artiklu 3 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni jittrattaw minn tipi differenti ta' mgieba projbita li kull wahda minnhom tirrifletti grad ta' severita` wiehed ikbar mill-iehor. L- artiklu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi t-tortura, t- trattament inuman, u t-trattament degradanti, waqt li l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taht l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni ghaliex it-tortura certament dejjem u f'kull kaz tammonta tal- anqas ghal trattament inuman u degradanti, (ara **Qorti Kostituzzjonali**: **Alfred Degiorgio et vs. Avukat Generali et**, datata l-**5 t'April, 2014**; **Qorti Kostituzzjonali**: **Giuseppa Galea vs. Segretarju tad-Djar**, datata l-**20 ta' Lulju, 1977**; **Fenech vs. Kummissarju tal-Pulizija**, datata l-**20 ta' Frar, 1979**; **Wilch vs. Segretarju Parlamentari ghad-Djar et**, datata l-**11 t'Ottubru, 1989**; **Qorti ta' Strasburgu**: **Mostipan vs. Russia** datata s-**16 t'Ottubru, 2014**, u **"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights": 4th ed. van Dijk, van Hoof and Leo Swaak eds.**, p. 406);
>
> "Illi l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni... u l-artiklu 3 tal- Konvenzjoni ... jipprovdu li l-ebda persuna ma ghandha tigi assoggettata ghall-piena jew trattament inuman jew degradanti

11.2. Sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Alfred Degiorgio et vs. Avukat Generali et**, datata l-**5 t'April, 2013**, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "Sabiex trattament jaqa' fil-parametri tal-artiklu 3 jehtieg li dak it-trattament jilhaq minimu ta' severita` li l-apprezzament tieghu huwa necessarjament wiehed relattiv li jiddependi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz bhan-natura tat-trattament, il-kuntest tieghu, il-mod ta' esekuzzjoni, d-duratura, l-effetti fizici u morali, u f'certi cirkostanzi jistghu jkunu wkoll relevanti is-sess, eta`, u stat ta' sahha tal-vittma, (ara **Qorti ta' Strasburgu**, **Ranineu vs. Finland**, datata s-**16 ta' Dicembru, 1997**). B'danakollu, s-sofferenza u l-umiljazzjoni involuta biex taqa' fil-parametri tal-artiklu 3 imsemmi jridu jmorru oltre dak l-element ta' sofferenza u umiljazzjoni necessarjament allaccjati ma' xi forma partikolari ta' trattament legittimu jew piena, (ara **Qorti ta' Strasburgu Kudla vs. Poland** datata s-**26 t'Ottubru, 2000**, ♯92 u sentenzi hemm citati). Mizuri li jnehhu l-liberta` tal-persuna ta' spiss jinvolvu elementi bhal dawk imsemmija izda, minkejja dan, il-modalita` tal-esekuzzjoni ta' mizura legittima ma ghandiex tassoggetta lill-persuna ghal tbatija ta' intensita` tali liteccedi dak il-livell inevitabbli ta' sofferenza inerenti f'dik il-mizura, (ibid: ♯93 – 94).
>
> "Trattament jitqies inuman meta tal-anqas jikkaguna lill-persuna sofferenza fizika jew psikika intensa anki jekk minghajr ma jikkaguna xi feriti jew offizi fuq il-gisem. Dan it-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biza', angoxxia u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-rezistenza fizika jew morali tieghu. Dak li umbaghad jiddistingwi t-tortura minn trattament inuman jew degradanti huwa l-grad ta' intensita` akbar tas-sofferenza li tigi inflitta fit-tortura karatterizzata b'ghemil deliberat li jikkaguna sofferenza mill-aktar serja u kiefra, (ara **Qorti ta' Strasburgu, Ireland vs. UK**, datata t-**18 ta' Jannar, 1978**, ♯167). Minbarra l-element tal-grad sever tas-sofferenza kkagunata element iehor li gie identifikat bhala karatteristiku tat-tortura huwa l-fatt li t-tortura tigi inflitta bil-ghan li jintlahaq ghan preciz bhal li tigi akkwistata xi informazzjoni, jew biex tippenalizza jew tintimida lil xi hadd, (ara **Qorti ta' Strasburgu, Salman vs. Turkey** datata s-**27 ta' Gunju, 2000**, ♯ 114);

"Ikkunsidrat:

"12. Illi tenut kont tal-principji hekk gurisprudenzjalment elenkati, jigu issa ezaminati r-rizultanzi fattwali tal-kawza odjerna biex b'hekk jigi stabbilit jekk it-talbiet tar-rikorrenti jimmeritawx li jigu akkolti;

"13.0. Illi l-ilmenti indirizzati mir-rikorrenti jirrizultaw li huma sintetikament is-segwenti:

"13.1. **Telefonati**, (ara paragrafu numru erbatax, (14.), aktar 'l quddiem);

"13.2. Kif jindirizza lis-**superjuri** tieghu, (ara paragrafu hmistax (15), aktar 'l quddiem;

"13.3. Ikel servut, (ara paragrafu numru dsatax (19.) aktar 'l quddiem);

"13.4. **"Strip Searches"** (ara paragrafu numru ghoxrin (20.) aktar 'l quddiem);

"13.5. **Konfiska ta' Proprjeta`**, (ara paragrafu numru wiehed u ghoxrin (21.) aktar ''l quddiem);

"13.6. **Serq t'Oggetti**, (ara paragrafu numru tnejn u ghoxrin, (22.) aktar 'l quddiem);

"13.7. Imwaqqaf milli jistudja u jahdem, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin, (23.), aktar 'l quddiem);

"Ikkunsidrat:

"14.0. Illi fir-rigward tat-telefonati jinghad sintetikament is-segwenti:

"14.1. Illi r-rikorrenti jafferma li meta l-familjari tieghu kienu jcemplulu, l-persuni inkarigati mill-Facilita` *de quo* ma kienux jghaddulu dawn it-telefonati, (ara foll 35);

"14.2. Illi jsosstni li meta mar jilmenta fir-rigward, minflok li nghata sodisfazzjon, inghata disgha u erbghin (49) gurnata maqful fil-*"Maximum Security Division"*, (ara foll 35);

"15.0. Illi fir-rigward ta' kif jindirizza **lis-superjuri** tieghu jinghad sintetikament is-segwenti:

"15.1. Illi f'Gunju, 2012, waqt li kien il-*gym* marru tliet (3) ufficjali fuqu u ordnawlu jmur maghhom, (ara foll 36);

"15.2. Illi dawn eskortawh fic-cella tieghu fejn ikkonducew tfitxija, (ara foll 36);

"15.3. Illi sussegwentement jallega li spicca disgha u hamsin (59) gurnata izolat fil-*"Maximum Security Division"*, (ara foll 36);

"15.4. Illi meta staqsa ghar-raguni ghal dan, wara gimghatejn kien infurmat li dan gara ghaliex kien qal il-kliem *"yes sir"* minflok *"sir"*, (ara foll 36);

"Ikkunsidrat:

"16. Illi l-incidenti fuq deskritti jirrizultaw pjuttost inkonklussivi *stante* li baqghu fl-isfera tal-allegazzjoni biss;

"17. Illi in effetti lanqas il-post allegat tal-*"Maximum Security Division"* li ghaliha jirreferi r-rikorrenti ma gie identifikat;

"18. Illi ghalkemm ir-rikorrenti isosstni li minhabba l-incidenti fuq indikati kien gie trasferit, minn cella ghal ohra, issir referenza ghax-xhieda tal-intimat Direttur ikkoncernat li f'dan ir-rigward isosstni li r-ragunijiet ghaliex detenut jigi trasferit minn cella ghal ohra ivarjaw u fosthom jista' jkun hemm ragunijiet:

"... ta' sigurta`, ta' dixxiplina, u jista' jkun ghal skopijiet ta' management ahjar tac-cella. Fil-fatt trasferimenti fil- Facilita` Korrettiva jsiru b'mod regolari kwazi kuljum anzi, nista' nafferma, li jsiru kuljum", (ara foll 136);

"Ikkunsidrat:

"19.0. Illi rigward l-**ikel servut** jinghad is-segwenti:

"19.1. Illi r-rikorrenti jallega li ghaliex ilmenta fuq l-ikel servut tad-detenut kien punit billi kien ordnat joqghod f'izolament ghall-perjodu ta' mitt (100) jum fl-istess *"Maximum Security Division"* u thalla ghall-perjodu bil- qalziet ta' taht biss, (ara foll 36 u 37);

"19.2. Illi anke f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jonqos li jipprova dak minnu allegat *stante* li minflok jirrizulta li l-mizuri mehuda fil-konfront tieghu ma kienux ghar-ragunijiet minnuppostulati izda ghaliex beda jgib ruhhu b'mod li kien qed juri li ried iwegga' lilu nnifsu u jtemm hajtu billi jaqbez minn gholi ta' tliet (3) sulari, (ara foll 72, 73, 111, 121, 122, 126, 127 u 128);

"19.3. Illi *di piu`*, jirrizulta li fic-cella ta' izolament, jew kif jirreferu ghaliha l-istess ufficjali fid-depozizzjonijiet taghhom, is-*Single Room*, jintbaghtu biss dawk hekk ordnati b'ordni specifiku tat-Tabib tal-Facilita` *de quo*, (ara fol 125 u 80);

"19.4. Illi in effetti jirrizulta li r-rikorrenti tnehha mill-izolament *de quo* meta ikkalma, u dan ukoll kien b'rizultat tal-intervent tat-tabib ikkoncernat, (ara foll 125);

"19.5. Illi kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrenti li sussegwentement kien intbaghat fid-Divizjoni Numru 6 – divizjoni b'sigurta` massima – (ara foll 37), ir-rikorrenti minflok intbaghat fid-Divizjoni Numru 5, (ara foll 76 u 78);

"19.6. Illi jirrizulta minflok li r-rikorrenti qatt ma kien mizmum fid-Divizjoni numru 6, (ara foll 110 u 159);

"Ikkunsidrat:

"20.0. Illi fir-rigward tal-*iStrip Searches* jinghad is-segwenti:

"20.1. Illi r-rikorrenti jilmenta mill-fatt li sarulu diversi tfitxijiet invazivi mill-awtoritajiet tal-Facilita` de quo, (ara foll 37);

"20.2. Illi kif ritenut mid-Direttur intimat, l-istess tip ta' tfitxija tista' tkun necessitata mic-cirkostanzi, fosthom minhabba ragunijiet ta' sigurta`;

"20.3. Illi dwar il-legalita` ta' dan it-tip ta' tfitxija, issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Yankov vs. Bulgaria** datat il-**11 ta' Dicembru, 2003**, li tghid:

> "110. In respect of other acts affecting the dignity of detainees, the Court has held that whilst *strip searches* may be necessary on occasion to ensure prisonsecurity or prevent disorder or crime, they must be conducted in an appropriate manner and must be justified. Even single occasion of *strip searches* have been found to amount to degrading treatment in view of the manner in which the *strip searches* was carried out, the possibility that its aim was to humiliate and debase and the lack of justification (See *Volasinas* ... and **Iwanczuk vs. Poland, no. 25196/94**, **15 November, 2001**). In the case of **Van der Ven vs. the (no. 50901/99, ECHR 2003 - ...)**, *strip searches*, albeit carried out in a "normal" manner, had a degrading effect and violated article 3 of the Convention as they were performed systematically on a weekly basis as a matter of practice which lacked clear justification in the particular case of the applicant";

"20.4. Illi in linea mas-suespost jirrizulta pacifiku li *strip searches* jistghu ghalhekk ikunu mehtiega ghall-finijiet ta' sigurta` fil-habs;

"20.5. Illi pero`, *nonostante* dan, dawn it-tip ta' tfitxijiet ghandhom dejjem ikunu kondotti;

"20.5.1. B'mod xieraq;

"20.5.2. B'mod gustifikat;

"20.5.3. B'mod li ma jumiljawx lid-detenut;

"20.6. Illi meta, bhal fil-kaz individwat mill-Qorti ta' Strasburgu fuq citata, *strip search* issir:

"20.6.1. B'mod mhux gustifikat;

"20.6.2. B'mod sistematiku; u

"20.6.3. Bil-ghan li zzeblah u tumilja lid-detenut;

"allura, tali tfitxija intima tammonta ghall-vjolazzjoni tal-artiklu 3 tal-Konvenzjoni;

"20.7. Illi kif ritenut mill-intimat fir-risposta tieghu, l-istrip searches kondotti fuq ir-rikorrenti saru fil-limiti statutorji imposti, senjatament in konformita` mal-legislazzjoni sussidjarja involuta 260.03, Regolamenti dwar il-Habs, (ara foll 22);

"20.8. Illi konsegwentement, la tali ftixijiet saru in konformita` mar-Regolamenti indikati fil-paragrafu precedenti u minghajr ma jirrizulta li kien hemm l-animu nefast indikat fis-sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu fuq citata, allura r-rikorrenti ma pprovax li l-istess tfitxijiet intimi li saru fuqu kienu jammontaw ghal trattament inuman jew degradanti;

"Ikkunsidrat:

"21.0. Illi fil-konfront tal-ilment rigwardanti l-**konfiska tal-proprjeta`** tal-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

"21.1. Illi l-ilment *de quo* jirrigwarda l-konfiska ta' fannijiet u *laptop* misjuba fil-pussess tal-intimat, (ara foll 2);

"21.2. Illi fir-rigward tal-fannijiet in dizamina l-intimat wiegeb li wara spezzjoni fic-cella tar-rikorrenti nstab li dan kellu numru ta' fannijiiet aktar minn dak li detenut hu awtorizzat li jzomm, u kien ghalhekk li dawn il-fannijiet in dizamina in eccess gew ikkonfiskati, (ara foll 22);

"21.3. Illi l-istess rikorrenti thalla l-uzu ta' *fan* wiehed, bhal detenuti ohra, (ara foll 165);

"21.4. Illi fir-rigward tal-laptop lamentat mir-rikorrenti jirrizulta li minn tfitxija li saret fl-istess mill-awtorita` kompetenti nstab li r-rikorrenti hemmhekk kellu materjal pornografiku, (ara foll 165);

"21.5. Illi kif isir ma' kull detenut iehor fl-istess cirkostanzi dan il-*laptop* kien konsfiskat, (ara foll 165);

"21.6. Illi sussegwentement l-istess *laptop* kien imnaddaf mill-materjal *de quo*, (ara foll 165);

"21.7. Illi jirrizulta mix-xhieda tad-Direttur intimat li wara l-istess operazzjoni ta' tindif fuq riferita, l-istess *laptop*, kuntrarju ghal dak affermat mir-rikorrenti, (ara foll 2), l-imsemmi *laptop* kien gie ritornat lura lir-rikorrenti fid-29 ta' Jannar, 2011, (ara foll 165);

"21.8. Illi in vista tas-suespost jirrizulta pacifiku li anke f'dan ir-rigward ingiebu ragunijiet sufficjenti li fir-rigward l-intimat ma gabx ruhhu b'mod inuman jew degradanti fil-konfront tal-intimat, u li l-passi

mehuda mill-istess fir-rigward kienu fit-termini statutorji fuq riferiti u ttiehdu ghal ragunijiet serji u gustifikabbli;

“Ikkunsidrat:

“22.0. Illi fir-rigward tal-allegat serq t’oggetti reklamat mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

“22.1. Illi r-rikorrenti jsosstni li minhabba li kien jilmenta li kien qed jigi kastigat minghajr raguni, allura safa’ misruq;

“22.2. Illi di piu`, isosstni wkoll li minhabba f’hekk kien ukoll jintbaghat f’izolament, (ara foll 37);

“22.3. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ma jirrizultawx suffragati mir-rizultanzi *in atti*;

“22.4. Illi minflok jirrizulta s-segwenti:

“22.4.1. Illi r-rikorrenti irrezista it-trasferiment mic-cella tieghu ghal ohra, (ara foll 50);

“22.4.2. Illi meta kien qieghed jigi eskortat minn cella fit-tielet (3) sular ghal ohra, wera intenzjonijiet suicidi billi ghamel diversi tentattivi biex jaqbez mit-tielet (3) sular ghal isfel u kellu jigi mrazzan ghall-gid tieghu stess, (ara foll 111, 123 u 142);

“22.5. Illi rigward l-oggetti in dizamina jirrizulta li r-rikorrenti ddahhal il-habs fid-29 t’Awwissu, 2008, (ara foll 164);

“22.6. Illi l-oggetti ta’ valur li r-rikorrenti kellu mieghu ittihdulu b’mod normali bhal ma jsir f’kaz simili, u gew elenkati espressament f’registru appozitu, (ara foll 164, 167 u 168);

“22.7. Illi l-istess elenku jirrizulta li hu iffirmat mill-ufficjal inkarigat addett fil-gurnata in kwistjoni u mir-rikorrenti stess;

“22.8. Illi ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrenti ukoll jirrizulta li ma giex debitament ipprovat;

“Ikkunsidrat:

“23.0. Illi fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti li **twaqqaf milli jistudja u jahdem** jinghad sintetikament is-segwenti:

“23.1. Illi ghalkemm ir-rikorrenti jilmenta li twaqqaf milli jahdem, (ara foll 2), fl-istess hin jilmenta li gie skjavizzat, (ara foll 39);

"23.2. Illi tali affermazzjonijiet, anke bil-gurament, jirrizultaw kontradittorji;

"23.3. Illi *di piu`*, ghalkemm jallega tali affermazzjonijiet, l-istess rikorrenti jonqos milli jipprova dak minnu allegat;

"23.4. Illi ghalhekk din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti naqas ukoll jipprova skont il-ligi l-fatti indirizzati taht dan il-kap;

"Ikkunsidrat:

"24.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ipprovax it-talbiet minnu allegati f'din il-procedura".

## L-Appell

5. Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza fit-2 ta' Jannar, 2018, u talab lil din il-Qorti sabiex thassar is-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet tieghu u tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimat. Hu spjega li l-aggravji tieghu jikkonsistu fis-segwenti: [a] l-ewwel Qorti ma kellhiex ma ssibx ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu meta l-awtoritajiet tal-Facilita` kienu naqsu milli jinvestigaw il-fatt li kienu gew neqsin xi oggetti mill-kustodja taghhom; [b] l-ewwel Qorti ma kellhiex ma ssibx lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu meta l-ufficjali tal-Facilita` kienu ghamlu allegazzjonijiet foloz fil-konfront tieghu li wasslu sabiex it-tabib tal-istess Facilita` ordna li kellu jinqafel minghajr hwejjeg sakemm jinvistath, skont il-prassi f'kazijiet simili.

6. L-intimat Direttur irrisponda ghall-appell fit-22 ta' Jannar 2018 fejn qal li s-sentenza appellata hi gusta u ghalhekk timmerita konferma,

filwaqt li ssottometta li l-aggravji tar-rikorrent kienu kollha insostenibbli kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Spjega li l-ilmenti jistriehu fuq spekulazzjonijiet gratwiti ghar-ragunijiet hemm imfissra.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

7. Il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonsidra flimkien l-aggravji mressqa mir-rikorrent, u wkoll ir-risposta tal-intimat Direttur, tenut kont ukoll tal-fatt li huma bbazati fuq l-istess incidenti u fatti.

*L-ewwel aggravju tar-rikorrent:* [l-ewwel Qorti ma kellhiex ma issibx lezjoni meta l-Facilita` naqqset milli tinvestiga l-fatt allegat li ghosfru oggetti mill-kustodja taghha]

*It-tieni aggravju tar-rikorrent:* [l-ewwel Qorti ma kellhiex ma ssibx lezjoni meta ufficjali tal-Facilita` ghamlu allegazzjonijiet foloz sabiex it-tabib ordna li r-rikorrent jinqafel minghajr hwejjeg skont il-prassi]

8. Ir-rikorrent spjega taht l-ewwel aggravju tieghu li fis-sentenza taghha tal-20 ta' Ottubru 2017, fl-ismijiet **Joseph Feilazoo v. Direttur tal-Habs u Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Socjali**, il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza inferjuri taghha kienet sabet li kienu naqsulu xi oggetti bla ma kien hemm raguni ghall-iskomparsa taghhom u di fatti l-intimat kien

gie ordnat jikkumpensah fl-ammont ta' €300. Min-naha taghhom l-awtoritajiet tal-Facilita`, minkejja li r-rikorrent ghamel diversi talbiet, naqsu milli jinvestigaw in-nuqqasijiet li sehhew fil-konfront tieghu u sahansitra nnegaw bis-shih li kienu ghosfru xi oggetti mill-kustodja taghha. Imbaghad ir-rikorrent fisser it-tieni aggravju tieghu billi qal li l-ufficjali tal-Facilita` kienu ffabrikaw allegazzjonijiet li hu kien f'stat suwicida, u dan sabiex jinducu lit-tabib tal-Facilita` jordna li r-rikorrent jinqafel minghajr hwejjeg sakemm jinvistah filghaxija tal-istess jum.

9. L-intimat Direttur jissottometti li l-ewwel aggravju hu insostenibbli ghaliex mix-xhieda mressqa fil-proceduri odjerni, senjatament dik moghtija mis-Supretendent Abraham Zammit, jirrizulta li dan kien investiga l-kaz u ma rrizulta xejn fir-rigward tal-ilmenti tar-rikorrent. Ukoll ma rrizulta xejn mill-investigazzjoni tal-pulizija wara r-rapport tieghu li kienu nsterqulu xi oggetti. Inoltre, ir-rikorrent kellu f'idu ricevuta tal-oggetti mizmuma mill-Facilita`. Affarijiet personali bhal hwejjeg, kienu mizmuma fl-i*store* tal-Facilita` u r-rikorrent seta' jitlob ghalihom f'kull hin. Seta' gara li meta r-rikorrent talab ghall-affarijiet tieghu mill-bagalja, bi zvista l-ufficjal koncernat ma talbux jiffirma. Inoltre r-rikorrent kien thallas l-ammont ta' €300 ghal oggetti ohra mhux ta' valur. Ghal dak li jirrigwarda l-oggetti ta' valur, il-Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri] kienet iddikjarat li l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent appellant ma kienux kredibbli. Lanqas ma kien fondat it-tieni aggravju tieghu ghaliex il-lanjanza tieghu

ma kienitx tirrizulta mill-atti. Dak li jirrizulta kien li l-lanjanzi tar-rikorrent ma kienux jikkostitwixxu trattament inuman u degradanti. Hu kien qed jittenta jitfa' dell ikrah fuq l-operat tal-intimat Direttur ghall-iskopijiet tieghu personali.

10. Din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti rrikonoxxiet il-principji fir-rigward tat-trattament li ghandu jitqies inuman jew degradanti skont l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Sussegwentement dik il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-ilmenti partikolari tar-rikorrent u ddikjarat li l-incidenti partikolari li minnhom kien qed jilmenta ma kienux gew pruvati u baqghu allegazzjonijiet biss; ukoll sabet li mizuri ohra li dwarhom kien qed jilmenta r-rikorrent kien hemm gustifikazzjoni ghalihom min-naha tal-intimat Direttur jew saru fil-parametri tal-limiti statutorji. Esprimiet li kien irrizulta li r-rikorrent kien irrezista t-trasferiment tieghu mic-cella tieghu ghal ohra u, li waqt tali trasferiment hu kien wera intenzjonijiet suicidi u kellu jigi mrazzan ghall-gid tieghu stess.

11. Fir-rigward ta' serq ta' uhud mill-oggetti, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-ilment tar-rikorrenti ma giex debitament ipprovat.

12. Tenut kont tal-fatt li l-meritu tal-appell jinvolvi l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-ewwel Qorti, hija opportuna l-osservazzjoni li kif gie

diversi drabi ritenut, din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax d-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn jidher li dik il-Qorti, fuq il-provi migjuba quddiemha, setghet ragjonevolment wasslet ghal konkluzjoni taghha[1]. Madankollu din il-Qorti xorta ghandha d-dmir li tezamina l-provi kollha u jekk tirriskontra zball fl-apprezzament tal-provi ghandha tirrettifikah. "Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti"[2].

13. Izda fl-appell tieghu r-rikorrent issa qed imur oltre l-ilment li l-oggetti personali tieghu ghosfru mill-kustodja tal-intimat Direttur. Hu qed jilmenta minn ksur tad-drittijiet tieghu kif protetti mid-disposizzjonijiet fuq citati ghaliex l-istess intimat Direttur naqas milli jaghmel d-debita investigazzjoni u l-ewwel Qorti naqset milli ssib lezjoni fir-rigward.

14. Is-subartikolu 36[1] tal-Kostituzzjoni jipprovdi :

> "Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti".

15. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jghid :

> "Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti".

[1] App.S. 19/2010, **Vella Bros Ltd v. John Vella**, deciz 29 ta' April, 2016.
[2] App.C 600/2010 **Carmelo Foca et v. Francis Spiteri et**, deciz 31 ta' Jannar 2019

16. Din il-Qorti tissenjala li manifestament l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax fil-parametri tal-artikoli fuq citati. Irrispettivament jekk kellhiex issir investigazzjoni kif qed jippretendi r-rikorrent, jew jekk tali investigazzjoni saritx jew le, din il-Qorti tirrileva li ma tikkonsidrax li n-nuqqas ta' investigazzjoni fic-cirkostanzi odjerni jwassal ghal ksur tad-drittijiet fundamentali protetti bl-imsemmija artikoli. Hawn xieraq li wiehed iqies l-insenjament ta' din il-Qorti u wkoll tal-Qorti Ewropea f'dak li jikkonsisti trattament inuman u degradanti.

17. L-ewwel Qorti wkoll ghamlet dan l-ezercizzju fis-sentenza taghha. Iccitat partijiet mis-sentenza moghtija fil-31 ta' Ottubru 2014 minn din il-Qorti fl-ismijiet **Paul Caruana v. Direttur tal-Habs u l-Avukat Generali** fir-rigward ta' dak li jipprovdu ghalih is-subartikolu 36[1] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni appena citati, u wkoll mis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' April, 2013, fl-ismijiet **Alfred Degiorgio et v. Avukat Generali et** fejn gie spjegat fiex ghandu jikkonsisti t-trattament sabiex jikkwalifika bhala inuman u degradanti fit-termini tal-artikoli precitati..

18. Din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal sentenza taghha aktar recenti fl-ismijiet **Tafarre Besabe Berhe v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et**[3], fejn giet citata wkoll sentenza tal-Qorti Ewropea:

[3]Q.Kost. 27/2017, deciz 24 ta' Novembru, 2017.

"17. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jittrattaw xejriet differenti ta' imgieba projbita li kull wahda minnhom tirrifletti grad ta' severita`, wiehed ikbar mill-iehor. Dan qed jinghad ghax, filwaqt li l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi t-tortura, it-trattament inuman u t-trattament degradanti, l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taht l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ghaliex ittortura certament dejjem u f'kull kaz tammonta tal-anqas ghal trattament inuman u degradanti.[76 App.S.19/11 **Paul Caruana v. Id-Direttur tal-Habs**, 31/10/2014]

"18. Fil-kaz **Anayev v. Russia**, il-Qorti Ewropea qalet hekk b'referenza ghall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni specifikatament fil-kuntest ta' cirkostanzi fejn ikun hemm restrizzjoni fuq il-helsien tal-individwu:-

> "The Court reiterates that Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of a democratic society. It prohibits in absolute terms torture or inhuman or degrading treatment or punishment, irrespective of the circumstances and the victim's behaviour [see, for example, **Labita v. Italy** [GC], no. 26772/95, § 119, ECHR 2000-IV]".

"19. F'din l-istess sentenza, il-Qorti Ewropea analizzat fil-fond il-kuncett ta' "ill-treatment" li jekk jigi ravvizat, ikun leziv ghad-dritt sancit mill-Artikolu 3:-

> "Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim [see, among other authorities, **Ireland v. the United Kingdom,** 18 January 1978, § 162, Series A no. 25].
>
> "Ill-treatment that attains such a minimum level of severity usually involves actual bodily injury or intense physical or mental suffering. However, even in the absence of these, where treatment humiliates or debases an individual, showing a lack of respect for or diminishing his or her human dignity, or arouses feelings of fear, anguish or inferiority capable of breaking an individual's moral and physical resistance, it may be characterised as degrading and also fall within the prohibition of Article 3 [see **Pretty v. the United Kingdom**, no. 2346/02, § 52, ECHR 2002-III, with further references].
>
> "In the context of deprivation of liberty the Court has consistently stressed that, to fall under Article 3, the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering and humiliation connected with the detention. The State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for human dignity, that the manner and

method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured [see **Kudła**, cited above, §§ 92-94, and **Popov v. Russia,** no. 26853/04, § 208, 13 July 2006].

"When assessing conditions of detention, account has to be taken of the cumulative effects of these conditions, as well as of specific allegations made by the applicant [see **Dougoz v. Greece,** no. 40907/98, § 46, ECHR 2001-II]. The length of the period during which a person is detained in the particular conditions also has to be considered [see, among other authorities, Alver v. Estonia, no. 64812/01, 8 November 2005]". [*Sottolinejar ta' dik il-Qorti]*

"20. Barra minn hekk, dik l-istess Qorti, fil-kaz fl-ismijiet **Aden Ahmed v. Malta[**77 Deciza fit-23 ta' Lulju 2013.], tenniet is-segwenti:-

"The Court reiterates that according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim. Furthermore, in considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. However, the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 [see **Riad and Idiab v. Belgium**, nos. 29787/03 and 29810/03, §§ 95-96, 24 January 2008]78". [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

19. Minn dawn is-siltiet jirrizulta li fil-kaz odjern kellu jigi provat mir-rikorrent li t-trattament li kien qed jircievi, u li kien jikkonsisti fin-nuqqas ta' investigazzjoni dwar l-allegat oggetti neqsin, kien wiehed inuman jew degradanti bil-konsegwenza li hu garrab umiljazzjoni b'mod li kien hemm effetti negattivi fir-rigward tal-persuna tieghu. Din il-Qorti ssib li l-provi tar-rikorrent fir-rigward mhumiex konvincenti.

20. Fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tal-ewwel Qorti tal-20 ta' Jannar, 2015, ir-rikorrent ma jaghmel l-ebda riferenza ghal xi konsegwenzi fil-persuna tieghu li hu kien bata minhabba l-allegat nuqqas tal-affarijiet personali tieghu. Imbaghad meta jsemmihom fl-affidavit tieghu, jispjega li hekk kif hu baqa' jinsisti mal-Facilita` li ssir investigazzjoni, hu kien garrab diversi episodji umiljanti mill-awtoritajiet tal-Facilita` inkluza l-allegazzjoni falza li hu kien qal li kien ser jikkommetti suwicidju, bir-rizultat li hu kien inghalaq f'dak li jsejjah *'maximum security division*' ghal mitt jum. Skont hu, dan kollu sar bil-ghan li jigi intimidat u ma jkomplix jinsisti fuq is-sejba tal-oggetti personali tieghu.

21. Ix-xhieda tal-infermiera Caroline Psaila moghtija quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 2016, tikkonferma li fil-fatt ir-rikorrent kien prova jaghmel hsara lilu nnifsu, izda din il-Qorti tosserva li dan ma jirrizultax li kien sar minhabba l-allegat nuqqas ta' investigazzjoni da parti tal-awtoritajiet tal-habs dwar l-affarijiet li naqsulu. Fi kliem l-istess xhud:

> "Jiena kont imsejha fuq incident madwar sentejn, tlieta ilu. Kienu sejhuli biex ninzel nara lir-rikorrenti ghaliex kien ecitat u rrezista li jibdlulu d-divizion u prova jwegga' lilu nnifsu. Inzilt narah, pruvajt inkellmu biex kemm jista jkun jikkalma ruhu pero' baqa' jinsisti u ma riedx jikkopera. Ergajt tlajt lura l-infermerija tal-Habs u cempilt lit-tabib li kien on call. Kien Dr. Joseph Tonna. Fuq il-parir ta' Dr Tonna dan talabni nghid lil Ufficjali tal-Habs biex jiehdu lir-rikorrenti f'dak li ahna nsejhulu s-single room bhala protezzjoni tieghu nnifsu u qalli li aktar tard kellu jmur jarah. … Lili l-Ufficjali qaluli meta talbuni biex nezamina lir-rikorrenti illi dan kien ipprova jaqbzilhom mit-tielet sular tad-divizjoni numru tlieta. Jiena gejt infurmata illi r-rikorrenti rrezista biex jinhareg mid-divizjoni numru tlieta pero' ma qalulix li kaxkruh. Kien tani din l-informazzjoni Conrad Saliba. Meta kellimt lir-rikorrenti, qalli li kien kien riedeq u gew iqajmuh. Qalli li dan ma kienx sew ghaliex hu ma riedx ibiddel id-divizion. Meta

> nghid illi kien ecitat nghid illi kien irrabjat. Ir-rikorrenti beda jghajjat. Bdejt nistiednu joqghod bilqeghda u jkellimni bil-kwiet pero hu ma riedx. Mistoqsija jekk staqsejtx lir-rikorrenti x'kien dak li qed jipprova jaghmel lilu nnifsu bhala self-harm nghid illi staqsejtu, staqsejtu ghaliex kien qed jaghmel hekk, ghalfejn ried jaqbez. Beda jghajjat u ma iredx jghidli. … Persuna fl-istat li kien ir-rikorrenti dejjem jippostula riskju ghalih innifsu.".

22. Relevanti wkoll hi x-xhieda tat-tabib stess, jigifieri ta' Dr Joseph Tonna, li kkonferma dan kollu fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 2016 [fol. 80]:

> "F'Dicembru elfejn u tlettax [2013] kienu cempluli n-nurses tal-Facilita` Korretiva peress illi r-rikorrenti mid-dehra kien qed jghidilhom li ried jaqbez … staqsejthom x'gara u mill-informazzjoni li nghatajt mit-telephone kien hemm xi kwistjoni li l- SRT dahlu fuq ir-rikorrenti waqt li kienu riedu jcaqalquh f'divizjoni ohra u mid-dehra r-rikorrenti rribella u hedded li kien ha jaqbez. Biex inkun nista' nezaminah u biex l-istess rikorrenti ma jkunx ta' periklu anke ghalih innifsu tajt ordni biex jinzamm is-single room time out sakemm narah. Meta persuna tibda taghti ndikazzjoni ghal darba darbtejn li ha twegga' lilha nnifisha jiena ma nistax ma niehux azzjoni aktar u aktar meta lir-rikorrenti kienu ha johduh divizjoni ohra … Meta jiena nvistajt lir-rikorrenti mieghi nnega b'mod assolut illi ried iwegga lilu nnifsu. Meta ezaminajtu jiena mentalment sibtu stabbli la kien depressed u lanqas psikotiku u min naha tieghu jiena hadt l-idea illi l-kliem li seta' qal kien rizultat ta' anzjeta ta' rabja u xi haga simili. Fil-fatt rizultat tal-ezami li ghamilt fuq ir-rikorrenti tajt ordni li ma kellux ghalfejnn jibqa fis-*single room*.".

23. Ix-xhieda ta' Conrad Saliba [fol. 110], membru tal-i*Special Response Team,* moghtija fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2016, quddiem l-ewwel Qorti tispjega ahjar l-incident fejn ir-rikorrent sahansitra beda jhedded li ried itemm hajtu meta mistoqsi biex jigbor hwejjgu biex jittiehed f'divizjoni ohra tal-Facilita`:

> "F'Dicembru tas-sena elfejn u tlettax [2013] jiena nghatajt ordni mis-superjuri tieghi biex naffetwa transfer tal-istess prigunier minn divizjoni three fejn kien. Meta dhalt fid-divizjoni numru tlieta ghidtlu biex jippakja, dan irrifjuta li jobdini, fil-fatt kien hemm ukoll CO165 u ppruvajna nikkonvincu lir-rikorrenti biex jippakja biex jibdel id-division. Hu rrifjuta, hareg fit-tier tad-division konna fit-tielet sular tad-divizjoni numru tlieta.

> .., Qabad mar-railing, ghamel rezistenza mar-railing, beda jghidilna li minn hemmhekk ma kienx ser jiccaqlaq. Qalilna bl-Ingliz ukoll biex inhalluh ghaliex ried itemm hajtu. Beda jheddidna illi ried jipprova jaqbez, ried jaghmel suwicidju hemmhekk stess quddiemna … Jiena ma stajtx nerfa' ir-responsabilita' ta' persuna li bdiet tghid li riedet taqbez u nhalliha wahedha minghajr ma jarah tabib jew nurse … nghid illi meta kien it-tielet sular mqabbad mar-railing, iva beda jirrezistina. Fil-garigor beda jirrezistina wkoll u kellna nirrezistuh u nnizluh bil-forza".

24. Din giet korroborata minn PGCO 165 Dennis Thornton [a fol 121] li xehed fis-seduta tal-20 ta' Gunju, 2016, quddiem l-ewwel Qorti:

> "Kif infurmajnieh illi ahna konna morna hemmhekk biex nittrasferuh f'xi post iehor fl-istess Facilita` hu beda jipprotesta. Beda jghidilna li ma riedx jigi maghna. Ahna ghidnielu li ried jippakkja biex nezegwixxu l-ordnijiet taghna izda r-rikorrenti ma riedx. Hin minnhom ta s-salt ghal barra mic-cella u beda jghidilna *I want to die.* Hu ta salt biex jaqbez ghal isfel. … Jiena qbadtu min-naha u l-kollega tieghi qabdu minn ohra. … Mistoqsi jekk ir-rikorrenti staqsiniex ghalfejn ha jkun trasferit nghid iva staqsiena,beda jghidilna *I want to die* u pprova jaqbez ghal isfel".
>
> "*kontro-ezami:*
>
> "Ir-rikorrenti beda jirrezistina meta jiena u l-kollega tieghi li morna fic-cella tieghu nfurmajnieh illi kien ha jigi trasferit minn dik ic-cella ghal post iehor u beda jilmenta. Beda jirrezistina x'hin jiena u l-kollega tieghi qbadnieh biex ma jaqbizx ghal isfel".

25. Ix-xhieda ta' CO158 Victor Galea wkoll tikkorrabora x-xhieda appena citata. Imbaghad James Abela, *Acting Senior Correctional Officer,* fix-xhieda tieghu moghtija fl-istess seduta kkonferma li hu kien sema' xi ghajjat u telaq jigri. Ra lil CO109 u CO165 jippruvaw jipperswadu lir-rikorrent biex jimxi meta dan kien imqabbad mal-hadid ta' barra l-bieb tac-cella tieghu.

26. Mill-premess jirrizulta li l-agir tieghu ma kienx rizultat tal-allegat nuqqas ta' investigazzjoni da parti tal-intimat Direttur ghall-oggetti li ghosfru, izda kien proprju ghaliex ma kienx ried imur f'*division* ohra u kliemu kienu aktar ta' persuna rrabbjata milli ta' bniedem li kien qed ibati pregudizzju mentali. Lanqas ma jirrizulta li l-allegazzjonijiet ta' suwicidju maghmula mir-rikorrent lill-awtoritajiet tal-Facilita` huma inveritiera. Kien biss bhala konsegwenza tal-agir suwicidali tieghu – pjuttost allura simulat tenut kont ukoll li dan l-incident, li kellu relevanza qawwija ghat-talbiet tar-rikorrent, ma ssemmiex fir-rikors dettaljat tal-appell tieghu stess - li ma setax jittiehed leggerment minhabba konsegwenzi fil-kaz li kien jirrizulta mod iehor, li hu kellu jinghalaq f'dak li r-rikorrent imsejjah '*maximum security division*'. Ghalhekk fid-dawl tax-xhieda citata hawn fuq, u wkoll dik li tinstab fl-atti, l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha li ma taghtix affidament lill-verzjoni tal-fatti kif rakkontanti mir-rikorrent. Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward.

27. Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx li l-aggravji tar-rikorrent huma gustifikati u qed tichadhom.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tichad l-appell tar-rikorrent u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez tal-appell odjern ikunu a kariku tar-rikorrent, dawk tal-ewwel istanza kif gie deciz fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb